MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 662/2002

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**MAN Limited u b'digriet tal-1 ta' April 2003, l-isem is-socjeta konvenuta gie mnizzel bhala M.A.N. Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici s-somma ta' elf, disa mija u seba u hamsin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm1957.56), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lill-konvenut mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur bejn Ottubru 2001 u April 2002, u dana in segwitu ta', u skond Client Contract Number 01868, liema kuntratt huwa iffirmat mill-konvenut stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-24 ta’ Gunju 2002, u tal-mandat ta’ qbid ipprezentat ma l-att, u bl-imghaxijiet kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 11 ibid) u li ibid eccepiet bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta’ esponenti mhix il-legittimu kontradittur u dan ghaliex MAN Limited ma tezistix bhala socjeta’ kummercjali u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghax qatt ma kien hemm relazzjoni guridika bejn il-kontendenti;
2. Illi ghal dan il-ghan qed jintalab illi jigi allegat il-process 13/03SM bid-decizjoni ta’ din l-istess Qorti diversament preseduta proprju fuq dan il-punt;
3. Illi fit-tieni lok jinghad illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici mhux dovut stante illi s-socjeta’ esponenti qatt ma rceviet servizz minghand is-socjeta’ attrici, proprju peress illi l-Client Contract imsemmi fl-avviz ma sarx mas-socjeta’ esponenti;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet Taghha, gja msemmi moghti fl-1 ta’ April 2003 (fol 12 ibid) u li bih giet ordnata l-korrezzjoni fl-isem tas-socjeta konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza b’mod specjali dawk li jirreferi ghar-rikors numru13/03SM annessi bhala parti minn dawn l-atti liema rikors gie deciz fil-25 ta’ Frar 2003.

Semghet it-trattazzjoni da parti tas-socjeta attrici (ara ukoll fol 40 u 41 tal-atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward dak mitlub fl-avviz in esami jkun opportun illi ssir referenza ghall-atti tar-rikors numru 13/03SM dekretat u decis fil-25 ta’ Frar 2003 in vista li mieghu, hemm

annessi provi altament rilevanti ghall-kaz in desamina. Dawn huma:-

a) is-“subscription order form” bid-data tal-5 ta’ Settembru 2001, in konnessjoni mas-servizz in kwistjoni, liema dokument hu l-ftehim relattiv ghal dan il-kaz. Fl-istess dokument (a fol 5 u fol 14 ibid) hemm imnizzel illi l-kumpanija involuta hi dik konvenuta izda l-isem ta’ minn qed jiffirma l-istess ftehim hu certu “Neven Milkovic” bl-indirizz tas-socjeta konvenuta. In rigward il-firem jidher li ghal “Go Mobile” iffirma rapprezentant ta’ din is-socjeta waqt li ghan-naha l-ohra iffirma l-istess Neven Milkovic, minghajr ma gie specifikat li dan kien qed jiffirma f’isem persuna ohra, fizika jew guridika.

b) A fol 6 ibid hemm ittra bid-data tad-29 ta’ April 2002 minn fejn jidher li s-socjeta’ attrici qed titlob il-pagament tas-somma hemm imnizzla minghand l-istess Neven Milkovic, b’mod personali u mhux f’isem is-socjeta konvenuta. Difatti jigi notat ukoll illi din l-ittra hi indirizzata lill-istess Neven Milkovic, personalment izda f’indirizz “care of “ (“c/o M.A.N. Limited”).

c) Estratt mill-“memorandum and articles of association” tas-socjeta konvenuta minn fejn jirrisulta illi r-rappresentanza legali u giuridika tal-istess socjeta konvenuta hi vestita flimkien fit-tlett diretturi hemm imsemmija (“acting jointly”) (ara fol 8 ibid).

d) Kopja ta’ ircevuta (fol 15 ibid) esebita mis-socjeta’ attrici minn fejn jidher li l-pagament relattiv kien sar mis-socjeta attrici. Inoltre gie allegat illi kont iehor ammontanti ghal Lm85.38 kien thallas mill-istess socjeta konvenuta permezz ta’ cheque tal-istess socjeta u mahrug minnha (ara fol 21 ibid) (ara pero’ l-ispjegazzjoni ta’ dan il-fatt kif moghtija minn Mark Vassallo a fol 34 et seq ibid).

e) il-kopja tal-‘memorandum and article of association” tas-socjeta konvenuta b’mod specjali l-ufficju registrat ta’ din (ara fol 48 ibid).

f) ix-xhieda ta’ Elizabeth Chetcuti (fol 25 et seq ibid) illi kienet iffirmat, f’isem is-socjeta attrici, il-ftehim relattiv ghas-servizz in esami u ta’ Joseph Dimech (fol 27 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher a fol 19 u fol 35 tal-atti tal-avviz in esami, kien xehed l-istess Joseph Dimech u dan ghamel distinzjoni, f'kuntratti bhal dawk in esami bejn klijent ossija l-persuna li maghha jkun sar il-ftehim realttiv u 'subscriber' ossija l-persuna li ikun qed taghmel uzu, effettivament, tal-linja cellulari. Dwar dan il-kaz, hu semma li l-klijent tas-socjeta attrici kienet dik konvenuta waqt li s-'subscriber' kien Neven Milkovic.

Illi xehed, ukoll, Mark Vassallo gja msemmi (fol 25 et seq ibid) li spjega li ma kienx involut fil-ftehim in esami. Hu ssottolinea illi l-indirizz specifikat fl-istess ftehim qatt ma kien registrat bhala " registered office' tas-socjeta konvenuta. Difatti l-stess indirizz sitwat f'Santa Venera' kien residenzjali tal-istess Neven Milkovic. Inoltre hu rega' tenna illi effettivament is-socjeta konvenuta kienet ghamlet pagament wiehed, kif kien xehed Ronald Dimech izda dan kien sar minhabba problemi finanzjarji li kellu l-istess Milkovic.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi prodotti u l-aktar rilevanti ghal "facts at issue" in konklusjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti ghandha tkun illi ma irrisultax, b'mod car u evidenti, illi Neven Milkovic kien iffirma l-ftehim in esami f'isem is-socjeta konvenuta. Anzi jidher li a basi tal-istess provi, hu probabbli hafna illi l-istess Milkovic iffirma f'ismu proprju u mhux f'isem terza persuna, naturali jew giuridika. Dan jirrisulta mill-istess ftehim kif redatt u ffirmat mill-ittra imsemmija fil-paragrafu b) "supra", mill-indirizz tal-"ufficju registrat" tas-socjeta konvenuta kif risultanti mid-dokumenti esebiti u dak tar-residenza ta' Neven Milkovic u mill-ispjegazzjoni moghtija minn Mark Vassallo fix-xhieda tieghu dwar xi pagament li seta' sar direttament, mis-socjeta' konvenuta oltre dak li intqal dwar ir-rappresentanza legali tas-socjeta konvenuta.

Illi, ghalhekk, l-eccezzjonijiet sottomessi ghandhom jigu akkolti fis-sens li ma hemmx relazzjoni giuridika bejn il-partijiet, f'din il-kawza u l-ftehim in kwistjoni kien sar bejn

is-socjeta attrici u terza persuna li ma hijiex parti f'din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu mill-istess socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------